Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2807/83**

tat-22 ta' Settembru 1983

li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut ta' l-Istati Membri

(ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 473/89 ta' l-24 ta' Frar 1989	L 53	34	25.2.1989
►**M2**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2945/95 ta' l-20 ta' Diċembru 1995	L 308	18	21.12.1995
►**M3**	Ir-regolament tal-kummissijoni 395/98 tad-19 ta' Frar 1998	L 50	17	20.2.1998
►**M4**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni 1488/98 tat-13 ta' Lulju 1998	L 196	3	14.7.1998
►**M5**	Ir-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 2737/1999 tal-21 ta' Diċembru 1999	L 328	54	22.12.1999
►**M6**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1965/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001	L 268	23	9.10.2001
►**M7**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1804/2005 tat-3 ta' Novembru 2005	L 327M	478	5.12.2008

Emendat minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►**A2**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 299 (1804/2005)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2807/83

tat-22 ta' Settembru 1983

li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut ta' l-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 170/83 tal-25 ta' Jannar 1983 li jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi tas-sajd ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2057/82 tad-29 ta' Lulju 1982 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll għall-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti ta' l-Istati Membri ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2057/82 jistabbilixxi li l-kaptani ta' bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta', jew huma rreġistrati fi, Stat Membru għandhom iżommu reġistru ta' l-operazzjonijiet tas-sajd tagħhom;

Billi r-reġistri standardizzati għandhom jiżguraw konformità fil-Komunità kollha mal-miżuri ta' konservazzjoni adottati u għandhom iwasslu għal sorvelljanza aktar effettiva tar-regoli kurrenti, kif ukoll għandhom jiffaċilitaw l-analiżi xjentifika ta' l-istimi tal-ħażniet tal-ħut u ta' l-isfruttar tagħhom;

Billi, sabiex jiġi garantit il-ħarsien tal-kwoti allokati lil kull Stat Membru, il-kaptan għandu jimla' prospett dwar il-ħut imniżżel l-art jew trasbordat li jkun juri l-kwantitajiet attwalment imniżżla l-art jew trasbordati;

Billi din l-informazzjoni għandha tintbagħat sistematikament, b'mezzi xierqa, fil-każijiet meta t-ta' l-Ħatt fuq fl-art jew it-trasbord isir wara 15-il jum wara l-qabda;

Billi l-Kumitat li Jamministra r-Riżorsi tas-Sajd ma tax l-opinjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien iffissat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

▼M5

Artikolu 1

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li t-tul tagħhom kollox ma' kollox jeċċedi l-10 metri għandhom jirrekordjaw it-tagħrif li għalih jirreferi l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 fir-reġistru tagħhom skond il-mudell muri fl-Anness I, għaż-żoni kollha tas-sajd ħlief dawk kompriżi f'NAFO 1 u ICES V(a) u XIV, u skond il-mudell muri fl-Anness II, għal dawn iż-żoni ta' l-aħħar. Iżda, l-mudell muri fl-Anness IIa jista' jintuża għall-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa esklussivament fil-Mediterran minn kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità li t-tul tagħhom kollox ma' kollox ma' jeċċedix 18-il metru u li jagħmlu vjaġġi tas-sajd ta' kull jum f'żona tas-sajd waħda.

2. Ir-reġistru muri fl-Anness I, II jew IIa għandu wkoll jinżamm bil-mod preskritt fil-paragrafu 1 meta dawk il-bastimenti joperaw f'ibħra ta' pajjiż mhux membru, sakemm dak il-pajjiż mhux membru in kwistjoni speċifikament jeħtieġ tip differenti ta' reġistru.

([1]) ĠU L 24, tas-27.1.1983, p. 1.
([2]) ĠU L 220, tad-29.7.1982, p. 1.

▼M5

3. Għall-operazzjonijiet tas-sajd fil-Mediterran, kull ammont akbar minn 50 kg ta' piż ħaj ekwivalenti għal kull speċi miżmuma abbord għandu jiġi rekordjat fir-reġistru.

4. Il-kodiċijiet mogħtija fl-Anness VI u l-kodiċijiet Three-Alpha stabbiliti mill-FAO jew l-ismijiet għandhom jintużaw biex juru, taħt l-intestaturi xierqa fir-reġistru, it-tagħmir tas-sajd użat u l-ispeċi maqbuda.

▼M2

L-Artikolu 1a

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità awtorizzati biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żoni, minn issa 'l quddiem imsejħa żoni ta' sforz, kif spjegat fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95 ([1])►M3 u fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/97 ([2]) ◄ għandhom jirreġistraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19e tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 ([3]) fil-ġurnali tagħhom ta' abbord skond il-mudell li jidher fl-Anness I.

2. Meta l-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jaqsmu żona ta' sforz fejn dawn ikunu awtorizzati li jistadu mingħajr ma jwettqu attivitajiet tas-sajd, dawn għandhom jirreġistraw id-data u ħin tad-dħul u l-ħruġ minn dik iż-żona ta' sforz fil-ġurnal tagħhom ta' abbord.

3. Ir-reġistrazzjoni għandha ssir skond l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness IVa.

▼B

L-Artikolu 2

1. Il-prospett tal-ħatt imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82 għandu jimtela kif muri fl-Anness I jew fl-Anness III.

Madankollu, jekk il-ħatt iseħħ f'port ta' Stat Membru li tiegħu il-bastiment ikun qiegħed itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat, tista' tintuża formola oħra speċifikata minn dak l-Istat Membru sakemm ikun fiha ta' l-anqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness III.

▼M5

Iżda, l-mudell muri fl-Anness IIa jista' jintuża jekk it-tniżżil l-art iseħħ f'port ta' Stat Membru kostali tal-Mediterran ieħor, minn kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità li t-tul tagħhom kollox ma' kollox ma' jeċċedix 18-il metru u li jagħmlu vjaġġi tas-sajd ta' kull jum f'żona tas-sajd waħda.

▼B

2. Il-prosspett ta' trasbord li għaliha jipprovdi l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82 għandha timtela kif muri fl-Anness I, ħlief għall-ibħra tan-NAFO 1 u ICES V a) u XIV. F'dawn l-ibħra għandu jintuża l-prospett tal-ħatt jew trasbord kif muri fl-Anness III.

3. Id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru skond l-istruzzjonijiet imniżżla fl-Annessi IV u V, skond kif ikun xieraq.

L-Artikolu 3

L-informazzjoni komunikata mill-kaptan skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82 lill-awtoritajiet ta' l-Istat li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat, meta xi ħatt jew trasbord iseħħu aktar minn 15-il jum wara l-qabda, għandha tinkludi:

— il-kwantitajiet f'kilogrammi ta' kull speċi maqbuda, trasbordata jew imniżżla l-art mill-aħħar komunikazzjoni,

([1]) ĠU L 71, tal-31.3.1995, p. 5.
([2]) ĠU L 113, tat-30.4.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1.

▼B

— iż-żona ICES/NAFO ►A1 /CECAF ◄ fejn il-qabdiet ikunu saru; qabdiet li jsiru f'ibħra ta' pajjiż mhux membru jew barra s-sovranita jew ġurisdizzjoni ta' xi Stat għandhom jiġu indikati separatament.

L-informazzjoni għandha tiġi komunikata kull 15-il jum mill-jum li fih tkun saret l-ewwel qabda, jew skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VIII.

▼M2

L-Artikolu 3a

Meta, skond l-Artikolu 19ċ tar-Regolament (KE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd jittrasmetti permezz tar-radjo messaġġ dwar l-isforz li jsiru fis-sajd, it-trasmissjoni għandha sseħħ permezz ta' waħda mill-istazzjonijiet tar-radjo elenkati fl-Anness VIIIa.

L-ismijiet, l-indirizzi u n-numri tat-*telex*, tat-telefon u tal-*faxes* ta' l-awtoritajiet kompetenti msemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 19ċ(1) qed jidhru fl-Anness VIIb.

▼B

L-Artikolu 4

Ir-reġistru jew il-prospett tal-ħatt jew tat-trasbord jistgħu jiġu vverifikati minn uffiċjal tas-sajd li jinforza ta' l-Istat Membru kompetenti, skond l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2057/82, biex jiġi żgurat il-ħarsien tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' konservazzjoni u ta' kontroll, inklużi dawk li jinsabu f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 5

1. Meta l-istruzzjonijiet imniżżla fl-Anness IV jistqarru li l-applikazzjoni ta' xi regola hija volontarja, l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat ikollu l-jedd li jġiegħel lill-kaptan tiegħu josserva r-regola inkwistjoni.

2. Il-marġini ta' tolleranza permessa fl-estimi tal-kwantitajiet, f'kilogrammi, ta' ħut suġġetti għal TAC li jinżammu abbord għandha tkun ta' 20 %.

Meta dan il-ħut jinżamm f'kaxxi, f'basktijiet jew f'kontenituri oħra, innumru preċiż ta' kaxxi, basktijiet jew kontenituri oħra użati għandu jiġi rreġistrat.

L-Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda' japplika mid-90 wara l-ħruġ tar-reġistri lill-Istati Membri.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

L-ANNESS I

Nru ----------

REĠISTRU TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

Isem tal-bastiment(i) u sinjal(i) tas-sejħa tar-radju jekk hemm	Identifikazzjoni ta' barra (2)	Isem tal-kaptan(i) (3)		Jum	Xahar	Siegħa	Sena	1 9
			Tluq (4)				minn	
			Ritorn (5)				sa	
		Indirizz(i)	Wasla (6)				fi	

Isem u sinjal tas-sejħa tar-radju (jekk hemm)

Apparat (8)	Daqs malju (9)	Dimensjoni (10)	F'każ ta' trasbord (7)	Jum	Identifikazzjoni ta' barra
				Xahar	u nazzjonalità tal-bastiment li jirċievi

Data (11)	Numru ta' operazzjonijiet tas-sajd	Ħin ghas-sajd (13)	Pożizzjoni (14)			Qabda skond l-ispeċi miżmuma fuq il-bastiment f'kilogrammi piż haj jew numru ta' unitajiet (15)											Aghti l-piż ta' l-unità fil-piż ħaj ta' l-ispeċi relattiva	Inizjali
			Rettangolu statistiku	Żona ta' ICES/NAFO (*)/CECAF	Żona tas-sajd tal-pajjiż mhux membru	▸(2)◂	▸(3)◂	▸(4)◂	▸(5)◂	▸(6)◂	▸(7)◂	▸(8)◂	▸(9)◂					

	Żona ta' ICES/NAFO (*)/CECAF (22)	Żona tas-sajd tal-pajjiżi mhux membri (22)	Prospett tal-wasla/trasbord (*) / (18) f'kilogrammi jew unitajiet użati: ekwivalenti ghal ..... kilogrammi												Skart totali stmat (16)
Preżentazzjoni tal-hut (17)															Firma Kaptan/agent (*) (20)
Kwantitajiet (19)															
Preżentazzjoni tal-hut (17)															
Kwantitajiet (19)															
Preżentazzjoni tal-hut (17)															
Kwantitajiet (19)															Isem u indirizz tal-agent (fejn mehtieġ) (21)
Preżentazzjoni tal-hut (17)															
Kwantitajiet (19)															

(*) Ħassar fejn ma japplikax.

Kummenti _____

▶(1) **A1**

▶(2) (3) (4) (5) (6) (7) (8) (9) **M5**

▼B

L-ANNESS II

REĠISTRU TAS-SAJD TAL-KOMUNITÀ EWPROPEA GĦAS-SOTTO-ŻONA 1 TAN-NAFO U D-DIVIŻJONIJIET TAS-SILĠ V A) u XIV

Isem tal-bastiment																				
Identifikazzjoni minn barra																				

Data			Diviżjoni tan-NAFO/ICES
Jum	Xahar	Sena	

Ħin meta beda l-irmunkar (GMT)	Ħin meta spicca l-irmunkar (GMT)	Ħin mqatta' għas-sajd	Pożizzjoni fil-bidu ta' l-irmunkar			Tip ta' apparat	Numru ta' xbieki jew lenzi użati	Daqs tal-malja	Qabda skond l-ispeċi (kilogrammi – piż tal-ħut ħaj)										
			Latitudni	Longitudni	Diviżjoni tan-NAFO/ICES					Merluzz (101)	Red-fish (103)	Greenland halibut (118)	Halibut (120)	Catfish (188)	Capelin (340)	Gamblu Kbir (639)		
									Miżmumin										
									Mormija										
									Miżmumin										
									Mormija										
									Miżmumin										
									Mormija										
									Miżmumin										
									Mormija										
									Miżmumin										
									Mormija										
									Miżmumin										
									Mormija										
				Sotto-total għal ġurnata					Miżmumin										
									Mormija										
				Total għall-vjaġġ					Miżmumin										
									Mormija										
Round weight (kilogrammi – piż tal-ħut ħaj) ipproċessat illum għall-konsum mill-bniedem																			
Round weight (kilogrammi – piż tal-ħut ħaj) ipproċessat illum għat-tnaqqis																			
Total																			

Rimarki	Firma tal-Kaptan

▼M5

ANNESS IIa

KTIEB T'ABBORD DWAR IS-SAJD U DIKJARAZZJONI DWAR l-IŻBARK/TRASBORD TA' L-UNJONI EWROPEA (BAĦAR MEDITERRANEU)

Nru	Nru tar-registru tal-flotta interna			Nru. tal-ktieb ta' l-abbord		Sena:	Nru tal-vjaġġ:	
Isem tal-bastiment(i)	Sinjal tas-sejħa bir-radju	Identifikazzjoni esterna	Isem tal-Kaptan		Jum	Xahar	Siegħa	Port
				Tluq				
Lanċa li tkarkar pariġġ			Indirizz	Wasla				
Trasbord				Żbark				

Apparat	Dimensjonijiet	Numru	Qisien tal-ħoloq tax-xibka	Nru. ta' operazzjonijiet tas-sajd	Perjodu ta' tkarkir/tixrib	Żona tas-sajd	Żona tas-sajd ta' pajjiżi terzi	Skartar	
								Speċi	Piż

▼M5

Qabda skond l-ispeċi miżuma abbord u żbarkata/trasbordata fl-ekwivalenti ta' kilogrammi ta' piż ħaj									
Speċi	Kodiċi	Unitajiet	Piż	Osservazzjonijiet	Speċi	Kodiċi	Unitajiet	Piż	Osservazzjonijiet

Firma
I, Jien, hawn taħt iffirmat niċċertifika li r-reġistrazzjonijiet huma kompleti, veri u preċiżi.
Data: Firma:

▼B

L-ANNESS III

PROSPETT TA' ĦATT/TRASBORD (*) TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

Isem tal-bastiment u sinjal tas-sejħa tar-radju jekk hemm:	Identifikazzjoni ta' barra	F'każ ta' trasbord Isem u/jew sinjal tas-sejħa, identifikazzjoni ta' barra u nazzjonalità tal-bastiment li qed jirċievi:

	Jum	Xahar	Siegħa	Sena 19	Isem tal-Agent:	Isem tal-kaptan:
Tluq (4)				minn		
Ritorn (5)				għal	Firma:	Firma:
Inżul (6)						

Indika l-piż f'kilogrammi jew l-unità użata (eż. kaxxa, basket) u l-piż ma' l-inżul f'kilogrammi ta' din l-unità : _____ kilogrammi (18) (19)

Speċi	ICES/NAFO ►(1)/CECAF◄	Żona tas-sajd pajjiżi mhux membri	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)	Preżentazzjoni (17)
			Sħiħ	Mnaddaf mill-imsaren	Mingħajr ras	Mnaddaf mix-xewk						

(*) Ħassar dak li ma japplikax.

►(1) **A1**

▼B

L-ANNESS IV

STRUZZJONIJIET LILL-KAPTANI LI HUMA MEĦTIEĠA LI JŻOMMU REĠISTRU SKOND L-ANNESS I ►M5 JEW L-ANNESS IIa ◄U LI JAGĦMLU PROSPETT TAL-ĦATT JEW TRASBORD SKOND L-ANNESS I ►M5 JEW L-ANNESS IIa ◄ JEW L-ANNESS III

1. RIMARKA PRELIMINARI

Dawn l-istruzzjonijiet huma għall-kaptani ta' bastimenti li huma meħtieġa mir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea li jżommu reġistru matul il-vjaġġ tas-sajd u/jew li jippreżentaw prospett tal-ħatt jew trasbord meta jaslu lura fil-port.

2. STRUZZJONIJIET DWAR IR-REĠISTRU

2.1. **Regola ġenerali**

▼M6

2.1.1. *Bastimeti meħtieġa li jżommu reġistru*

Kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità li t-tul sħiħ tagħhom huwa ugwali għal jew aktar minn 10 metri għandhom iżommu reġistru.

Kaptani ta' bastimenti tas-sajd li t-tul sħiħ tagħhom huwa anqas minn 10 metri għandhom ukoll iżommu reġistru jekk l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment qed iġorr il-bandiera jew fejn ikun irreġistrat hekk jeħtieġ.

▼B

2.1.2. *Kif għandu jimtela r-reġistru*

— Ir-reġistru għandu jimtela kull jum mhux aktar tard minn nofs il-lejl u fil-ħin tal-wasla tiegħu fil-port.

— Ir-reġistru għandu jkun mimli wkoll fil-ħin ta' kull spezzjoni fuq il-baħar.

— Kull informazzjoni obbligatorja għandha tingħata.

— Ir-regoli mhux obbligatorji fuq livell Komunitarju jistgħu isiru obbligatorji jekk l-Istat Membru jkun hekk jixtieq, fir-rigward ta' bastimenti li jkunu jtajru l-bandiera tiegħu jew li jkun irreġistrati miegħu. F'dawk il-każijiet l-awtoritajiet relevanti għandhom joħorġu struzzjonijiet addizzjonali.

2.1.3. *Proċedura għal vjaġġi fl-ibħra ta' pajjiżi mhux membri*

— Jekk il-pajjiż mhux membru inkwistjoni ma jkollu ebda ħtiġiet speċifiċi, ir-reġistru Komunitarju għandu jintuża.

— Jekk il-pajjiż li mhux membru inkwistjoni jispeċifika reġistru ta' tip differenti, għandu jintuża dak minflok ir-reġistru Komunitarju.

— Jekk il-pajjiż mhux membru inkwistjoni ma jispeċifikax xi reġistru partikolari imma ma jippreskrivix skrizzjonijiet differenti minn dawk meħtieġa mill-Komunità, dawk l-iskrizzjonijiet għandhom jitniżżlu.

2.2. **Informazzjoni dwar il-bastiment**

L-informazzjoni ġenerali li ġejja dwar il-bastiment jew bastimenti, skond kif ikun il-każ, għandha tiġi mniżżla (kontra n-numri korrispondenti) fil-parti ta' fuq ta' kull paġna tar-reġistru:

Nru ta' riferenza fir-reġistru (1): isem tal-bastiment u sinjal tas-sejħa bir-radju fejn applikabbli,

Nru ta' riferenza fir-reġistru (2): Identifikazzjoni minn barra,

Nru ta' riferenza fir-reġistru (3): isem u indirizz tal-kaptan,

Nru ta' riferenza fir-reġistru (4): jum, xahar, siegħa u port tat-tluq,

Nru ta' riferenza fir-reġistru (5): jum, xahar, siegħa u port tat-tluq,

▼B

Nru ta' riferenza fir-reġistru (6): data u post ta' l-inżul jekk differenti minn (5)

Nru ta' riferenza fir-reġistru (7): fil-każ tad-data tat-trasbord, l-isem, is-sinjal tas-sejħa tar-radju jekk applikabbli, in-nazzjonalità u l-identifikazzjoni minn barra tal-bastiment li qiegħed jirċievi.

F'każ ta' sajd bejn tnejn l-isem tat-tieni bastiment, l-isem tal-kaptan tiegħu u l-identifikazzjoni esterna tiegħu għandhom jitniżżlu taħt dawk tal-bastiment li dwaru jkun qiegħed jinżamm ir-reġistru.

Il-kaptan/i tal-bastiment/i ieħor/oħrajn għandu wkoll iżomm reġistru li jindika il-kwantitajiet maqbuda u miżmuma abbord b'tali mod li ma jkun hemm ebda għadd doppju tal-qabdiet.

2.3. **Informazzjoni dwar l-apparat**

Nru ta' riferenza fir-registru (8): apparat għas-sajd — it-tip ta' apparat għandu jiġi indikat permezz tal-kodiċi li tinsab f'kolonna I ta' l-Anness VI.

Nru ta' riferenza fir-reġistru (9): id-daqs tal-malja f'millimetri

Nru ta' riferenza fir-reġistru (10): il-kapaċità ta' l-apparat skond id-dettalji msemmija fil-kolonna 2 ta'l-Anness VI (mhux obbligatorja)

2.4. **Informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tas-sajd**

2.4.1. *Tip ta' informazzjoni*

L-informazzjoni meħtieġa dwar operazzjonijiet tas-sajd għandha timtela kontra n-numri korrispondenti fuq il-paġna tar-reġistru, skond kif ġej:

Nru ta' riferenza fir-reġistru (11): data — din għandha tikkorispondi ma' kull ġurnata fuq il-baħar,

Nru ta' riferenza fir-reġistru (12): numru ta' operazzjonijiet tas-sajd skond id-dettalji msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness VI (mhux obbligatorji)

Nru ta' riferenza fir-reġistru (13): ħin tas-sajd (dettall mhux obbligatorju) ewkwivalenti għan-numru ta' siegħat li tqattgħu fuq il-baħar, li minnhom jitnaqqas il-ħin li tqattgħa fil-vjaġġ lejn, bejn u ġej lura mill-postijiet tas-sajd,

Nru ta' riferenza fir-registru (14): pożizzjoni.

Eżempji:

— "diviżjoni ICES jew sotto-żona NAFO" irreferi għad-diviżjonijiet ICES kif muri fuq il-mapep ġewwa l-qoxra tar-reġistru u indika l-kodiċi ta' kull diviżjoni,

e.ż: IV a), VI b), VII g).

— "Rettangolu ta' statiska": irreferi għar-rettangolu ta' l-istatistika ICES fuq it-tabelli ġewwa l-qoxra tar-reġistru. Dawn ir-rettangoli huma konfinanti b'latitudnijiet u lonġitudnijiet li jkkorrispondu ma' figuri sħaħ ta' grad jew ta' figuri sħaħ ta' grad miżjud b'30'għall-latitudnijiet u figuri sħaħ ta' grad għall-lonġitudnijiet. Permezz ta' kombinazzjoni ta' figuri u ittra indika ir-rettangolu ta' statistika li fih saru l-biċċa l-kbira tal-qabdiet (eżempju l-arja bejn 56 u 56° 30' latitudni Tramuntana u bejn 6 u 7° lonġitudni Lvant — kodiċi ICES 41/F6).

Madankollu, skrizzjonijiet mhux obbligatorji jistgħu jsiru fir-rigward tar-rettangoli kollha ta' statistika li fihom il-bastment ikun stad matul il-ġurnata.

— "Żona tas-sajd ta' pajjiż mhux membru": indika fejn xieraq iż-żona(i) tas-sajd ta' pajjiżi mhux membri jew f'ibħra barra s-sovranità jew

▼B

ġurisdizzjoni ta' kull Stat li juża l-kodiċi li ġejjin kif muri fil-mapep ġewwa l-qoxra tar-reġistru:

N = in-Norveġja

▼A2

_____

▼B

FR = Faroe

▼A1

_____

▼B

CDN = il-Kanada

IS = Islanda

A = L-ibħra internazzjonali

▼M5

2.4.2. *Kwantitajiet maqbuda u miżmuma abbord (Nru ta' referenza fir-reġistru: (15))*

Qabdiet f'ammont akbar minn 50 kg ta' piż ħaj ekwivalenti għal kull speċi miżmuma abbord għandhom jiġu rekordjat fir-reġistru. Iżda, għal operazzjonijiet tas-sajd fil-baħar Mediterran, l-ispeċi biss indikati fil-lista li tinsab fl-Anness VII għandhom jiġu rekordjati fir-reġistru.

Jekk in-numru ta' kolonni ma jkunx biżżejjed uża paġna ġdida..

Agħti l-unit użat (baskett, kaxxa, eċċ.) u l-piż nett f'kilogrammi piż ħaj ta' l-unit użat.

▼B

2.4.3. *Estimi mhux obbligatorji ta' skart (Nru tar-referenza fir-reġistru: (16))*

Is-speċifika l-kwantita ta' ħut mormi, preferibbilment f'kilogrammi ta' piż ħaj, jew f'xi unità ta' kejl oħra bħal dik definita fil-(15) hawn fuq.

Din l-informazzjoni tingħata għal skopijiet xjentifiċi biss u m'għandhiex tiġi kkunsidrata għall-kalkolazzjoni ta' kwoti.

2.5. **Spazjar ta' l-iskrizzjonijiet fir-reġistru**

— Għandha timtela linja ġdida għal kull jum fuq il-baħar.

— Għandha timtela wkoll linja ġdida meta jsir sajd f'diviżjoni ICES ġdida fl-istess jum.

— Għandha timtela linja ġdida meta jsir sajd f'żona ta' sajd oħra fl-istess jum.

— Għandha timtela paġna ġdida:

— meta jintuża apparat differenti jew xibka b'daqs ta' malji differenti minn dawk tax-xibka użata qabel,

— għal kull sajd magħmul wara trasbord jew wara ħatt intermedjarju.

3. STRUZZJONIJIET DWAR PROSPETT TAL-ĦATT JEW TRASBORD

Regola ġenerali

mad-dħul fil-port wara kull vjaġġ, il-kaptani tal-bastimenti kollha li jkollhom tul ta' aktar minn 10 metri u li jkunu jtajru l-bandiera ta', jew reġistrati ma', Stat Membru, jew l-aġenti tagħhom, għandhom jibagħtu prospett tal-ħatt lill-awtoritajiet fuq il-post tal-Ħatt. Fil-każ ta' trasbord jew ħatt barra t-territorju tal-Komunità, il-kaptan għandu minnufih jibgħat lill-Istat li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li jkun irreġistrat miegħu, l-informazzjoni mogħtija fil-prospett tal-ħatt jew ta' trasbord. Fil-każ ta' trasbord il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jniżżel il-kwantitajiet fil-prospett ta' trasbord. Kopja tal-prospett ta' trasbord għandha tingħata lill-kaptan tal-bastiment li jirċievi. L-oriġinal tad-dokument doganali T 2 M mimli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jingħata wkoll lill-kaptan tal-bastiment li jirċievi.

▼B

Informazzjoni li għandha tingħata

Il-kwantitajiet attwali mniżżla l-art jew estimi tal-kwantitajiet trasbordati għandhom jiġu indikati fuq il-prospett għal kull speċi iżda biss fuq l-aħħar paġna użata, kif ġej:

— *Preżentazzjoni tal-ħut* (Nru ta' referenza fir-reġistru: (17))

"Preżentazzjoni" tfisser il-mod li bih il-ħut jiġi pproċessat. Indika n-natura tal-proċess jekk applikabbli: GARĠI għall-garġi mneħħija, RAS għar-ras imneħħija, STRIPPA għall-ħut imqatta fi strippi, eċċ. Meta ma jkun sar ebda proċessar, SĦIĦ għall-ħut sħiħ.

— *Unità ta' kejl għall-kwantitajiet imniżżla l-art* (Nru tar-referenza fir-reġistru: (18))

Aġħti l-unità ta' piż użata (eż. basket, kaxxa, eċċ.) għall-ħut imniżżel l-art u l-piż ta' l-unità f'kilogrammi. Din l-unità tista' tkun differenti minn dik użata fir-reġistru.

— *Piż totali ta' l-ispeċi mniżżla l-art/trasbordati* (Nru ta' referenza fir-reġistru: (19))

▼M5

Aġħti l-piż jew kwantitajiet attwalment imniżżla l-art jew trasbordati għal kull speċi.

▼B

Il-piż għandu jkun jikkorrispondi mal-piż tal-ħut kif imniżżel l-art, jiġifieri wara l-ipproċessar abbord. Sussegwentement, għandhom jiġu applikati koeffiċjenti ta' konverzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru sabiex jiġi kalkulat il-piż ħaj korrispondenti.

— *Diviżjoni ICES/sotto-żona NAFO* ►A1 /CECAF ◄ ►M5 /GFCM ◄ u żoni ta' sajd ta' pajjiż mhux membru (Nru tar-referenza fir-reġistru: (22))

Din hija skrizzjoni mhux obbligatorja għall-bastimenti li għandhom l-obbligu li jżommu reġistru: indika d-diviżjoni ICES jew is-sotto-żona NAFO ►A1 /CECAF ◄ ►M5 /GFCM ◄ li fiha saru l-qabdiet.

4. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IR-REĠISTRU U L-PROSPETT TAL-ĦATT/TRASBORD

4.1. **Proċedura ta' kif għandu jimtela**

4.1.1. L-iskrizzjonijiet fir-reġistru u fil-prospett dwar il-ħatt/trasbord għandhom ikunu jinqraw sew u għandhom ikunu b'tali mod li ma jistgħux jitħassru.

4.1.2. Ebda skrizzjoni fir-reġistru jew fil-prospett tal-ħatt/trasbord ma tista tiġi mħassra jew irranġata. Jekk isir żball, l-isskrizzjoni inkorretta għandha tiġi ngassata b'linja u għandha tiġi segwita b'iskrizzjoni ġdida inizzjalata mill-kaptan jew mill-aġent tiegħu.

4.1.3. Ta' mill-inqas prospett wieħed tal-ħatt għandu jimtela għal kull bastiment. Għandu jimtela' prospett ta' trasbord wieħed għal kull operazzjoni ta' trasbord.

4.1.4. Kull linja fir-reġistru għandha tkun inizzjalata mill-kaptan. Kull paġna tar-reġistru u kull prospett ta' trasbord, jekk relevanti, għandhom jiġu ffirmati mill-kaptan. Il-prospett tal-ħatt għandu jiġi ffirmat mill-kaptan jew mill-aġent tiegħu.

4.2. **Proċedura għat-trasmissjoni**

4.2.1. Fil-każ ta' ħatt f'port ta' l-Istat Membru li tiegħu il-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li jkun ireġistrat fih l-oriġinal tar-reġistru u l-prospett tal-ħatt għandu jingħata jew jintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru inkwistjoni fi żmien 48 siegħa minn meta jintemm il-ħatt.

4.2.2. ►M1 Fil-każ tat-tniżżil l-art fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun qiegħed itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat l-ewwel kopja tad-dikjarazzjoni tat-tniżżil l-art għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn isir it-tniżżiż l-art fi żmien 48 siegħa mit-tkomplija tat-tniżżil. ◄ L-oriġinal tar-reġistru u l-oriġinal tal-prospett tal-ħatt għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-

▼B

Istat Membru li tiegħu il-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew ikun irreġistrat fih fi żmien 48 siegħa minn meta jintemm l-ħatt fuq l-art.

4.2.3. Fil-każ ta' ħatt f'pajjiż mhux membru, l-oriġinal tar-reġistru u tal-prospett tal-ħatt għandha tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu il-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew ikun irreġistrat fih fi żmien 48-il siegħa minn meta jintemm l-ħatt fuq l-art.

4.2.4. F'każijiet meta l-kwantitajiet riċevuti mit-trasbord jitniżżlu f'port tal-Komunità, il-kopja tal-prospett tat-trasbord mimlija skond il-paragrafu 3 għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet relevanti.

4.2.5. Fil-każ ta' trasbord lil bastiment li jkun itajjar il-bandiera ta' Stat Membru jew li jkun reġistrat fi Stat Membru, l-ewwel kopja tal-prospett ta' trasbord għandha tingħata lill-kaptan tal-bastiment li jirċievi. L-oriġinal għandu jingħata fuq talba jew għandu jintbagħat, skond il-każ, lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu il-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li jkun irreġistart fih, fi żmien 48 siegħa minn meta jintemmu il-ħatt jew il-wasla fil-port.

4.2.6. Fil-każ ta' trasbord lill-bastiment li jkun itajjar il-bandira ta' pajjiż mhux membru, id-dokument oriġinali għandu jingħata jew jintbagħat, skond il-każ, kemm jista' jkun malajr lill-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat.

4.2.7. F'każijiet fejn ma jkunx possibbli għall-kaptan li jibgħat l-oriġinal(i) tar-reġistru u tal-prospetti tal-ħatt/trasbord lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat, fil-limiti ta' żmien speċifikati, l-informazzjoni meħtieġa mill-Anness I jew l-Anness III dwar il-prospett tal-ħatt għandha tinbagħat permezz tar-radju jew mezzi oħrajn lill-awtoritajiet konċernati.

4.3. **Ir-responsabbiltajiet tal-kaptan fir-rigward tar-reġistru, il-prospett tal-ħatt u l-prospett ta' trasbord**

4.3.1. Il-kaptan tal-bastiment għandu jiċċertifika bl-inizjali u bil-firma tiegħu li l-kwantitajiet stmati mniżżla fir-reġistru u fil-prospett tat-trasbord huma raġonevoli.

4.3.2. Il-kaptan tal-bastiment għandu jiċċertifika bl-inizjali u bil-firma tiegħu illi l-iskrizzjonijiet mhux kwantitattivi fir-reġistru u fuq il-prrospett tat-trasbord, flimkien ma' l-iskrizzjonijiet kollha fil-prospett tal-ħatt, huma korretti.

4.4. Il-kopji tar-reġistru għandhom jinżammu għal sena.

▼M2

L-ANNESS IVa

L-ISTRUZZJONIJIET ADDIZZJONALI GĦALL-KAPTANI LI HUMA MEĦTIEĠA JIRREĠISTRAW L-ISFORZ LI JSIRU FIS-SAJD F'ĠURNAL TA' ABBORD BĦAL DAK LI HEMM FL-ANNESS I

1. RIMARKA PRELIMINARI

Dawn l-istruzzjonijiet huma b'żieda ma dawk li hemm fl-Anness IV u qegħdin għall-kaptani tal-bastimenti li jkunu obbligati b'regoli Komunitarji li jirreġistraw l-isforz li jkunu saru fis-sajd.

2. ISTRUZZJONIJIET DWAR IR-REĠISTRAZZJONI

2.1. **Ir-regola ġenerali**

(a) L-informazzjoni kollha meħtieġa skond dan l-Anness għandha tiġi rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord.

(b) Il-ħin għandu jiġi rreġistrat bħala l-ħin universali (UTC).

(ċ) Iż-żona ta'l-isforz għandha tiġi rreġistrata billi jintużaw il-kodiċijiet fl-Anness VIa.

(d) L-ispeċi li jkun isir sajd għalihom għandhom jiġu rreġistrati billi jintużaw il-kodiċijiet fl-Anness VIa.

2.2. **L-informazzjoni dwar l-isforz li jsiru fis-sajd**

(a) *It-traversar ta' żona ta'l-isforz*

Meta bastiment awtorizzat jidħol f'żona ta'l-isforz mingħajr ma jwettaq attività tas-sajd f'dik iż-żona, għandu jkun hemm linja żejda. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

"id-data; iż-żona ta' sforz; id-dati u ħinijiet ta' kull dħul/ħruġ; il-kelma 'Traversar'".

(b) *Id-dħul f'żona ta' sforz*

Meta l-bastiment jidħol f'żona ta' sforz li fiha x'aktarx ikun se jitwettaq attivitajiet tas-sajd, għandu jkun hemm linja żejda. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

"id-data; il-kelma 'dħul'; iż-żona ta'l-isforz; il-ħin ta' dħul u l-ispeċi li qed isir sajd għalihom."

(ċ) *Il-ħruġ minn żona ta' sforz*

— Meta l-bastiment jitlaq minn żona ta' sforz li fiha jkun wettaq attivitajiet tas-sajd u meta l-bastiment jidħol f'żona oħra ta' sforz li fiha x'aktarx ikun se jwettaq attivitajiet tas-sajd, għandu kun hemm linja żejda. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

"id-data; il-kelma 'dħul'; iż-żona ġdida ta'l-isforz; il-ħin tal-ħruġ/-tad-dħul u l-ispeċi li qed isir sajd għalihom."

— Meta l-bastiment jitlaq minn żona ta' sforz li fiha jkun wettaq attivitajiet tas-sajd u mhux ser iwettaq aktar attivitajiet tas-sajd f'żona ta' sforz, għandu jkun hemm linja żejda. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

"id-data; il-kelma 'ħruġ'; iż-żona ta'l-isforz; il-ħin ta' tluq u l-ispeċi li qed isir sajd għaliha."

(d) *Sajd minn żona għall-oħra* ([1])

Meta l-bastiment jagħmel attivitajiet trans-żonali tas-sajd, linja żejda għandha titkompla. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

([1]) Il-bastimenti li jibqgħu fiż-żona ta'l-isforz u li ma jkunux, fuq kull naħa, iżjed minn 5 mili nawtiċi 'l barra mill-linja li tifred iż-żewġ żoni ta' l-isforz, dawn għandhom jirreġistraw l-ewwel dħul u l-aħħar ħruġ tagħhom matul perjodu ta' 24 siegħa.

▼M2

"id-data; il-kliem 'trans-żonali'; il-ħin ta' l-ewwel ħruġ u ż-żona ta'l-isforz; il-ħin ta' l-aħħar dħul u ż-żona ta'l-isforz u l-ispeċi li qed isir is-sajd għaliha."

2.3. **L-informazzjoni dwar il-komunikazzjoni ta' movimenti ta' bastiment**

Meta bastiment, li jwettaq attivitajiet tas-sajd diretti kontra speċi demersali, ikun jeħtieġlu jikkomunika l-movimenti tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti, l-informazzjoni li ġejja għandha tingħata b'żieda ma' dik imsemmija fil-punt 2.2(b), (ċ) u (d):

— id-data u l-ħin tal-komunikazzjoni,

— il-pożizzjoni ġeografika tal-bastiment,

— il-mezzi tal-komunikazzjoni u, meta jkun applikabbli, l-istazzjon tar-radjo użat, u

— id-destinazzjoni(jiet) tal-komunikazzjoni.

2.4. **L-informazzjoni dwar l-isforz li jsir fis-sajd li għandu x'jaqsam ma tagħmir statiku**

Meta bastiment iwettaq attivitajiet tas-sajd li jużaw tagħmir statiku jew fiss il-kaptan għandu jimla' linja żejda rigward dik il-ġurnata fuq il-baħar. L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal f'dik il-linja:

"id-data u l-ħin li fih it-tagħmir jintuża u d-data u l-ħin ta' meta ntemmet l-operazzjoni tas-sajd."

▼B

L-ANNESS V

STRUZZJONIJIET GĦALL-KAPTANI LI HUMA MEĦTIEĠA JŻOMMU REĠISTRU KIF MURI FL-ANNESS II U PROSPETT TAL-ĦATT/TRASBORD BĦAL FL-ANNESS III

1. RIMARKA PRELIMINARI

Dawn l-istruzzjonijiet huma għall-kaptani ta' bastimenti li huma meħtieġa skond ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea li jżommu reġistru matul vjaġġ tas-sajd u/jew li jipproduċu prospett tal-ħatt/trasbord meta jaslu lura fil-port.

2. STRUZZJONIJIET DWAR IR-REĠISTRU

2.1. **Regola ġenerali**

▼M6

2.1.1. *Bastimeti meħtieġa li jżommu reġistru*

Kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità li t-tul sħiħ tagħhom huwa ugwali għal jew aktar minn 10 metri għandhom iżommu reġistru.

Kaptani ta' bastimenti tas-sajd li t-tul sħiħ tagħhom huwa anqas minn 10 metri għandhom ukoll iżommu reġistru jekk l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment qed iġorr il-bandiera jew fejn ikun irreġistrat hekk jeħtieġ.

▼B

2.1.2. *Kif għandu jimtela r-reġistru*

— Ir-reġistru għandu jimtela kuljum mhux aktar tard minn nofs il-lejl, u fil-ħin tal-wasla fil-port.

— Ir-reġistru għandu jkun imtela wkoll fil-ħin ta' kull spezzjoni fuq il-baħar.

— Kull informazzjoni obbligatora għandha tingħata.

— Regoli li mhumiex meqjusa obbligatorji fuq livell Komunitarju jistgħu jsiru obbligatorji jekk xi Stat membru jkun hekk jixtieq, fir-rigward ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jew li jkunu rreġistrati miegħu. F'każijiet bħal dawn l-awtoritajiet relevanti għandhom joħorġu struzzjonijiet addizzjonali.

2.2. **Informazzjoni dwar il-bastiment**

Informazzjoni ġenerali dwar il-bastiment jew bastimenti, skond il-każ, trid titniżżel fil-parti ta' fuq ta' kull paġna tar-reġistru.

Fil-każ ta' sajd bejn tnejn l-isem tat-tieni bastiment, l-isem tal-kaptan tiegħu u l-identifikazzjoni esterna għandhom jitniżżlu taħt dawk tal-bastiment li dwaru jkun qiegħed jinżamm ir-reġistru.

Il-kaptan tal-bastiment l-ieħor għandu wkoll iżomm reġistru li jkun jindika l-kwantitajiet maqbuda u miżmuma abbord jew trasbordati, skond il-każ, b'tali mod li ma jkunx hemm għadd doppju ta' qabdiet.

2.3. **Informazzjoni dwar it-tagħmir**

— Tagħmir tas-sajd — it-tip ta' tagħmir għandu jiġi indikat billi tintuża l-kodiċi fil-kolonna 1 ta' l-Anness VI.

— Daqs tat-toqob f'mm.

2.4. **Informazzjoni dwar operazzjonijiet tas-sajd**

2.4.1. *Tip ta' informazzjoni*

L-informazzjoni meħtieġa dwar operazzjonijiet tas-sajd għandha timtela kontra n-numri li jkunu jikkorrispondu fuq il-paġna tar-reġistru għal kull qabda jew kull darba li jitniżżel it-tagħmir.

▼B

Indika taħt:

— bidu tal-operazzjonijiet tas-sajd: ħin,

— tmiem ta' l-operazzjonijiet tas-sajd: ħin,

— kemm damu l-operazzjonijiet tas-sajd: indika d-differenza f'siegħat bejn il-bidu u t-tmiem ta' l-operazzjonijiet tas-sajd.

— pożizzjoni: latitudni and lonġitudni.

Eżempji

— "Diviżjoni ICES jew sotto-żona NAFO": irreferi għad-diviżjonijiet ICES kif murija fil-mapep ġewwa l-qoxra tar-reġistru u indika l-kodiċi ta' kull diviżjoni,

eż.: V a) jew NAFO 1

▼M5

2.4.2. *Kwantitajiet maqbuda u miżmuma abbord*

Qabdiet f'ammont akbar minn 50 kg ta' piż ħaj ekwivalenti għal kull speċi miżmuma abbord għandhom jiġu rekordjati fir-reġistru. Iżda, għal operazzjonijiet tas-sajd fil-baħar Mediterran, l-ispeċi biss indikati fil-lista li tinsab fl-Anness VII għandhom jiġu rekordjati fir-reġistru.

Jekk in-numru ta' kolonni ma jkunx biżżejjed uża paġna ġdida.

▼B

2.4.3. *Estimi ta' rimi*

Agħti l-kwantita ta' ħut mormi f'kilogrammi piż ħaj jew xi unita' oħra ta' kejl. Din l-informazzjoni hija biss għall-għanijiet xjentifiċi u m'għandhiex tiġi kkunsidrata għall-kalkolu tal-kwoti.

2.5. **Spazjar tad-dħul fir-reġistru**

Għandha timtela paġna ġdida għal kull jum billi tintuża linja ġdida għal kull qabda jew għal kull kalatura.

3. STRUZZJONIJIET DWAR IL-PROSPETT TAL-ĦATT/TRASBORD

Regola ġenerali

Mad-dħul fil-port wara kull vjaġġ, il-kaptani tal-bastimenti kollha li jkunu itwal minn 10 metri u li jkunu jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew li jkunu rreġistrati fih, jew l-aġenti tagħhom, għandhom jibagħtu prospett tal-ħatt lill-awtoritajiet fil-post fejn isir il-ħatt.

Fil-każ ta' trasbord jew ta' ħatt fuq l-art barra t-territorju tal-Komunità, il-kaptan għandu jibgħat minnufih lill-Istat li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat, l-informazzjoni mogħtija fil-prospett tal-ħatt jew tat-trasbord.

Fil-każ ta' trasbord il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jniżżel il-kwantitajiet fil-prospett ta' trasbord. Kopja tal-prospett ta' trasbord għandha tingħata lll-kaptan tal-bastiment li jirċievi. L-oriġinal tad-dokument doganali T 2 M mimli mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jingħata wkoll lill-kaptan tal-bastiment li jirċievi.

Informazzjoni li għandha tingħata

Prospett tal-kwantitajiet imniżżla l-art jew trasbordati. Indika fuq il-prospett għal kull speċi iżda biss fl-aħħar paġna wżata, kif ġej:

— *Is-sotto-żona tad-diviżjoni ICES/NAFO u ż-żona tas-sajd tal-pajjiż mhux membru*

Skrizzjoni mhux obbligatorja għall-bastimenti li huma meħtieġa li jżommu reġistru indika d-diviżjoni ICES jew is-sotto-żona NAFO li fihom ittieħdu l-qabdiet.

— *Preżentazzjoni tal-ħut*

"Preżentazzjoni" tfisser il-mod kif ġie pproċessat il-ħut. Indika n-natura ta' l-iproċessar jekk applikabbli: GARĠI għall-garġi mneħħija,

▼B

RAS għar-ras imneħħija, STRIPPA għall-ħut imqatta fi strippi, eċċ. Meta ma jkun sar ebda proċessar, SĦIĦ għall-ħut sħiħ.

— *Unità ta' kejl għall-kwantitajiet imniżżla l-art*

Agħti l-unità ta' piż użat (eż. basket, kaxxa, eċċ.) għall-ħut imniżżel l-art u l-piż nett f'kilogrammi piż ħaj tal-unità użata. Din l-unità tista' jkun differenti minn dik użata fir-reġistru.

— *Il-piż totali skond l-ispeċi mniżżla l-art/trasbordata*

▼M5

Agħti l-piż jew kwantitajiet attwalment imniżżla l-art jew trasbordati għal kull speċi.

▼B

Il-piż għandu jaqbel mal-piż tal-ħut kif imniżżel l-art, jiġifieri wara kull proċessar abbord.

Il-koeffiċjenti ta' konverżjoni għandhom jiġu applikati sussegwentement mill-awtoritajiet approprjati ta' l-Istat Membru sabiex jiġi kalkolat il-piż ħaj korrispondenti.

4. ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IR-REĠISTRU U L-PROSPETT TAL-ĦATT/TRASBORD

4.1. **Proċedura għall-mili**

4.1.1. L-iskrizzjonijiet fir-reġistru u fil-prospett tal-ħatt/trasbord għandhom jinqaraw sew u għandhom isiru b'tali mod li ma jistgħux jiġu mħassra.

4.1.2. Ebda skrizzjoni fir-reġistru jew fil-prospett tal-ħatt ma tista' tiġi mħassra jew mibdula. Jekk isir xi żball, l-iskrizzjoni inkorretta għandha tiġi ngassata b'linja u għandha tiġi segwita bi skrizzjoni ġdida inizzjalata mill-kaptan jew mill-aġent tiegħu.

4.1.3. Ta' l-anqas prospett wieħed tal-ħatt għandu jimtela għal kull bastiment. Għandu jimtela prospett wieħed ta' trasbord għal kull operazzjoni ta' trasbord.

4.1.4. Kull paġna tar-reġistru għandha tiġi ffirmata mill-kaptan. Il-prospett tal-ħatt għandu jiġi ffirmat mill-kaptan jew mill-aġenti tiegħu.

4.2. **Proċedura ta' trasmissjoni**

4.2.1. Fil-każ ta' nżul fuq l-art f'port fl-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat, l-oriġinal/i tar-reġistru u tal-prospett tal-ħatt għandha tingħata fuq talba jew għandha tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru inkwistjoni fi żmien 48 siegħa minn meta jitlesta l-ħatt fuq l-art.

4.2.2. ►M1 Fil-każ ta' tniżżil l-art fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun qiegħed itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat l-ewwel kopja tad-dikjarazzjoni tat-tniżżil l-art għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn isir it-tniżżil l-art fi żmien 48 siegħa mit-tkomplija tat-tniżżil. ◄ L-oriġinal/i tar-reġistru u l-oriġinal tal-prospett tal-ħatt għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun reġistrat fi żmien 48 siegħa minn meta jitlesta l-ħatt fuq l-art.

4.2.3. Fil-każ ta' nżul fuq l-art f'pajjiż li mhuwiex Stat Membru, l-oriġinal/tar-reġistru u l-prospett tal-ħatt għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar l-bandiera jew li fih ikun irreġistrat fi żmien 48 siegħa minn meta jitlesta l-Ħatt fuq l-art.

4.2.4. F'każijiet fejn il-kwantitajiet riċevuti mit-trasbord jitniżżlu f'port tal-Komunità, il-kopja tal-prospett tat-trasbord mimlija skond il-paragrafu 3 għandha tingħata jew tintbagħat lill-awtoritajiet tal-port relevanti.

4.2.5. F'każ ta' trasbord lil bastiment li jkun itajjar il-bandiera ta' Stat Membru jew li jkun reġistrat fi Stat Membru, l-ewwel kopja tal-prospett tat-trasbord għandha tingħata lill-kaptan tal-bastiment li jirċievi. L-oriġinal għandu jingħata fuq talba jew għandu jintbagħat, skond il-każ, lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat fi żmien 48 siegħa minn meta jitlesta l-ħatt fuq l-art.

▼B

4.2.6. Fil-każ ta' trasbord lil bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż mhux membru, id-dokument oriġinali għandu jingħata jew jintbagħat, skond il-każ, kemm jista' jkun malajr lill-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar il-bandiera jew li fih ikun irreġistrat.

4.2.7. F'każijiet fejn ikun impossibbli għall-kaptan li jibgħat l-oriġinal/i tar-reġistru u tal-prospetti tal-ħatt/trasbord lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu l-bastiment ikun itajjar l-bandiera jew li fih ikun irreġistrat fil-limiti ta' żmien speċifikati, l-informazzjoni meħtieġa mill-Anness I jew mill-Anness III dwar il-prospett tal-ħatt għandha tintbagħat bir-radju jew b'xi mezz ieħor lill-awtoritajiet konċernati.

4.3. **Ir-responsabbiltajiet tal-kaptan fir-rigward tar-reġistru, il-prospett tal-ħatt u l-prospett tat-trasbord**

4.3.1. Il-kaptan tal-bastment għandu jiċċertifika bl-inizjali u bil-firma tiegħu illi l-kwantitajiet stmati mdaħħla fir-reġistru u fil-prospett ta' trasbord huma raġonevoli.

4.3.2. Il-kaptan tal-bastiment għandu jiċċertifika bl-inizzjali u bil-firma tiegħu li l-iskrizzjonijiet mhux kwantitattivi fir-reġistru u fuq il-prospett tat-trasbord, flimkien ma' l-iskrizzjonijiet dwar l-Ħatt fuq l-art, huma veri.

4.4. Il-kopji tar-reġistru għandhom jinżammu għal sena.

▼B

L-ANNESS VI

TGĦAMIR U OPERAZZJONIJIET TAS-SAJD

Tip ta' apparat	Kolonna 1 Kodiċi	Kolonna 2 Daqs/numru (metri)	Kolonna 3 Numru ta' tefgħat (shoots) Kuljum
Xbieki tat-tkaxkir għall-lontri tal-qiegħ	OTB	Mudell tax-xibka tat-tkaxkir (1)	Numru ta' drabi li jintefa' l-apparat
Xbieki tat-tkaxkir bit-travu	TBB	Tul tat-travu x numru ta' travi	
Gangmu	DRB	Wisa' x numru ta' gangmu	
Xibka tat-tkaxkir għall-ħut tal-qiegħ bil-par	PTB	Mudell tax-xibka tat-tkaxkir (1)	
Tartarun daniżi (ankra)	SDN	Tul totali tal-linji tat-tartun	
Tartarun skocciż (fly-dragging)	SSC	Tul totali tal-linji tat-tartun	
Xibka tat-tkaxkir għall-lontri f'nofs il-baħar	OTM	Mudell tax-xibka tat-tkaxkir (1)	Numru ta' drabi li jintefa' l-apparat
Xibka tat-tkaxkir għall-ħut bil-par f'nofs il-baħar	PTM	Mudell tax-xibka tat-tkaxkir (1)	
Tartarun tax-xkora	PS	Tul, għoli	Numru ta' drabi li jintefa' l-apparat
Xbieki tal-garġi tal-ħut (*gill-nets*)	GN	Tul, gholi	Numru ta' drabi li jintefa' l-apparat matul il-ġurnata
Xbieki tal-garġi tal-ħut (imqiegħda)	GNS	Tul, gholi	
Xbieki tal-garġi tal-ħut (mixħuta)	GND	Tul, gholi	
Xbiek ta' sura diversa	GTR	Tul, gholi	
Lenzi twal	LL	Numru ta' snanar u lenzi mitfugħa matul il-ġurnata	
Lenzi twal (imqiegħda)	LLS		
Lenzi twal (mixħuta)	LLD		
Lenzi ta' l-idejn u lenzi ta' l-arblu	LHP	Numru totali tas-snanar/lenzi mitfugħa matul il-ġurnata (2)	
Nases (*pots*)	FPO	Numru ta' nases (*pots*) mitfugħa matul il-ġurnata	
Apparat ta' sura mħallta	MIS		

(1) Speċifika l-mudell tax-xibka tat-tkaxkir kif imsemmija mill-manufattur tax-xibka. Inkella, il-perimetru tal-fetħa = in-numru tal-malji x id-daqs tal-malja jista' jingħata jekk din il-figura hi magħrufa.
(2) Niżżel in-numru tas-snanar u n-numru tal-lenzi separatament permezz ta' sinjal bħal -.

▼M7

▼C1

ANNESS VIa

Tabella 1

L-ISFORZ GĦAS-SAJD — L-IBĦRA TAL-PUNENT — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003

Sajd		
Speċi fil-mira	Rimarki	Kodiċi għaż-żoni ta' sforz
Dimersali	L-ispeċijiet dimersali minbarra dawk koperti mir-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ([1])	A: ICES V-VI B: ICES VII (Minbarra l-erja bijoloġikament sensittiv) C: ICES VIII
Scallop	Scallop	D: ICES IX E: ICES X
Granċijiet	Granċijiet li jittieklu u għaġuża	F: CECAF 34.1.1 G: CECAF 34.1.2 H: CECAF 34.2.0 J: L-Erja bijoloġikament sensittiv kif definita fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) nru 1954/2003

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' stokkijiet tal-baħar fond (ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6).

Tabella 2

L-ISFORZ GĦAS-SAJD — IL-BAĦAR BALTIKU– Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/97

Sajd		
Speċi fil-mira	Rimarki	Kodiċi għaż-żoni ta' sforz
Sajd tal-qiegħ		T: Subdiviżjonijiet 22 sa 32
Pelaġiċi	Aringi, laċċa kaħla	U: Subdiviżjonijiet 30 u 31 X: Subdiviżjonijiet 22-29 u subdiviżjoni 32
Anadromiċi u tal-ilma ħelu	Salamun, troti tal-baħar u ħut tal-ilma ħelu	T: Subdiviżjonijiet 22 sa 32

▼**M5**

L-ANNESS VII

TABELLA

Lista ta' speċi li għandhom jiġu rekordjati fir-reġistru tas-sajd u d-dikjarazzjoni ta' tniżżil l-art minn bastimenti li joperaw esklussivament fil-Baħar Mediterran

Isem	Isem Latin	Kodiċi FAO 3-Alfa
Tonn alalunga (1)	*Thunnus alalunga*	ALB
Inċova	*Engraulis encrasicholus*	ANE
Tonn t'għajnu kbira (1)	*Thunnus obesus*	BET
Imsell (1)	*Micromesistius poutassou*	WHB
Tonn	*Thunnus thynnus*	BFT
Awrat	*Sparus aurata*	SBG
Merluzz	*Merluccius merluccius*	HKE
Kavalli (1)	*Trachurus spp.*	JAX
Kavalli	*Scomber scombrus*	MAC
Kavalli tal-Mediterran (1)	*Trachurus mediterraneus*	HMM
Petriċa Kbira (1)	*Lophius piscatorius*	ANF
Trilja tal-Faxxi	*Mullus surmuletus*	MUR
Sardina	*Sardina pilchardus*	PIL
Spnotta	*Dicentrarchus labrax*	BSS
Trilja tad-daqna	*Mullus barbatus*	MUT
Pixxispad	*Xiphias gladius*	SWO

(1) fid-dikjarazzjoni tat-tniżżil biss.

▼B

L-ANNESS VIII

PROĊEDURA GĦAT-TRASMISSJONI BIR-RADJU

1. F'każijiet meta l-Ħatt fuq l-art jew it-trasbord iseħħ aktar minn 15-il jum wara li tkun saret il-qabda, għandha tiġi trasmessa l-informazzjoni li ġejja:

   — il-kwantitajiet ta' kull speċi elenkata fl-Anness VII maqbuda jew miżmuma abbord jew trasbordata jew imniżżla l-art barra ż-żona tas-sajd tal-Komunità mill-aħħar informazzjoni mogħtija (f'kilogrammi),

   — id-diviżjoni ICES jew is-sotto-żona NAFO ►A1 jew iż-żona CECAF ◄ li fiha jkunu saru l-qabdiet. Qabdiet magħmula fl-ibħra ta' pajjiż mhux membru jew barra s-sovranità jew ġurisdiżżjoni ta' xi Stat għandhom jiġu indikati separatament.

2. L-informazzjoni li għaliha jirreferi l-paragrafu 1 għandha tiġi trasmessa permezz ta' l-istazzjonijiet tar-radju normalment użati, preċeduta bl-isem, is-sinjal ta' sejħa u l-identifikazzjoni esterna tal-bastiment, u l-isem tal-kaptan tiegħu.

   F'każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġi trasmess il-messaġġ mill-bastment, jista' jiġi trasmess għan-nom tal-bastiment minn bastiment ieħor.

3. Il-kaptan għandu jagħmel ċert li l-informazzjoni trasmessa lill-istazzjonjiet tar-radju tingħadda bil-miktub lill-awtoritajiet relevanti.

▼M2

L-ANNESS VIIIa

L-ISTAZZJONIJIET TAR-RADJO APPROVATI MILL-KUMMISSJONI

Isem	Is-sinjal tar-Radju
▼M6	
_____	
▼M2	
Tarifa	EAC
Chipiona	
Finistère	EAF
Coruña	
Cabo Penas	EAS
Machicaco	
Dublin	
Valentia	EJK
Malin Head	EJM
▼M6	
_____	
▼M2	
Portshead	GKA
	GKB
	GKC
Wick	GKR
Stonehaven	GND
Cullercoats	GCC
Humber	GKZ
Ilfracombe	GIL
Niton	GNI
Land's End	GLD
Portpatrick	GPK
Hebrides	GHD
Lewis	
Skye	
Oban	
Islay	
Clyde	
Morcombe Bay	
Angelsey	GLV
Cardigan Bay	
Celtic	
Ilfracombe	GIL
Pendennis	
Start Point	
Weymouth Bay	
Hastings	
North Foreland	GNF
Oostende	OST
	OSU

▼M2

L-ANNESS VIIIb

L-ISMIJIET, L-INDIRIZZI U N-NUMRI TAT-*TELEX* TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI RESPONSABBLI MIS-SORVELJANZA TA'L-IBĦRA MARITTIMI SOĠĠETTI GĦAS-SOVRANITÀ JEW GĦALL-ĠURISDIZZJONI TA' L-ISTATI MEMBRI

IL-ĠERMANJA	Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung Palmaille 9 D-22767 Hamburg Tel.: (040) 38 90 51 80 Fax.: (040) 38 90 51 60 Telex 214 763 BLE D
IL-BELĠJU	Ministerie van Middenstand en Landbouw Dienst Zeevisserij Administratief Centrum Vrijhavenstraat 5 B-8400 Oostende Tel.: (32-59) 51 29 94 Fax (32-59) 51 45 57 Telex 81075 DZVOST
ID-DANIMARKA	Fiskeridirektoratet Stormgade 2 DK-1470 København K Fax.: (45) 33 96 39 00 Telex FM 16144 DK
FRANZA	Cross A Château-La-Garenne F-56410 Étel Telex Crossat 950519
L-IRLANDA	Naval Supervisory Centre Haulbowline Cork Fax.: (353) 021379108 Telex Cork 24924
IR-RENJU UNIT	Għal bastimenti li joperaw fiż-żona ICES VII: Ministry of Agriculture, Fisheries and Food Nobel House 17 Smith Square London SW1P 3JR Fax.: (44) 171990673373 Telex (44) 171922711 Għal bastimenti li joperaw fiż-żoni ICES Vb (żona KE) u VI: Scottish Office of Agriculture, Environment and Fisheries Department Pentland House 47 Robb's Loan Edinburgh EH14 ITW Fax.: (44) 1312446471 Telex (44) 727696
SPANJA	Secretario General de Pesca Marítima (Segepesca) c/o Ortega y Gasset, 57 Madrid Télex: 47457 SGPM E
L-OLANDA	Algemene Inspectiedienst Kloosterraderstraat 25 Postbus 234 NL-6460 AE Kerkrade Fax.: (045) 546 10 11
IL-PORTUGALL	Direcção-Geral das Pescas Avenida 24 de Julho nº. 80 Lisboa Telex 12696 SEPGC P